MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 395/2009

**Simonette Azzopardi nee' Cini**
**I.D.3879470(M)**

**Vs**

**Brainbox Limited**
**C 36917**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-attrici, li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' tlett, elef tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centenzmu (€ 3,023.53), somma rapprezentanti hlas ta' servizz moghti mill-attrici, lis-socjeta' konvenut meta pprezentat il-programm '***Wara l-Kaz***' minn Ottubru, 2008, sa' Dicembru, 2008, hlas ta' hdax-il program bil-prezz miftiehem.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u l-imghaxijiet legali minn Dicembru, 2008.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dana ghaliex mhux dovuti. Inoltre, minghajr pregudizzju, l-ammont innifsu huwa kkontestat stante li huwa assolutament eccessiv.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ra x-xhieda ta' l-attrici li tispjega li kien f'Awissu, 2008, meta *Sabrina Mulligan*, kienet talbitha sabiex tipprezenta l-programm ***'Wara L-Kaz'*** minn Ottubru, fuq '*One TV'*.

Kienu ltaqghu u nnegozjaw il-prezz u kien gie miftiehem li l-hlas ikun ta' mitt lira Maltin (Lm100) u cioe' ekwivalenti ghal mittejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin (€232.94), flimkien ma' *18% Vat*, ghal kull program.

Ftit wara, l-attrici bdiet bix-xoghol u r-'*recordings*'. F'Novembru, kienet baghatet l-'*invoic'* ghal programmi li ntwerew bejn Ottubru u Novembru.

Ma kienitx semghet xejn minghand *Mulligan* u regghet baghtet '*invoice*' ghal perjodu bejn Ottubru u Dicembru.

Kien l-ghada tal-Milied, meta l-attrici kienet stiednet lil *Mulligan* ghandha ghal ikel u kienet infurmatha li l-programm kien ser jieqaf ghal xahar u kellu jerga' jibda fi Frar.

*Mulligan* kienet qaltilha ukoll li kellha tirceivi *cekk* ghal '*invoice'* ta' l-attrici tispjega ukoll li meta wasal Frar, 2008 baqqghet tigri wara *Mulligan*, li ma kienitx qed tirrispondi. Eventwalment, bdiet theddidha bil-proceduri legali u kienet avzatha li kienet baghtitilha il-flus.

Kien f'April, 2008, li *Mulligan* kienet baghtet *sms* lill-attrici biex tavzaha li jew setghet tibghat ic-*cekk* bil-posta jew jekk riedet setghet tigbru mill-ufficju u kienet ghazlet li c-

*cekk* jintbaghtu bil-posta ghaliex kien hemm xi problemi fejn terzi ppruvaw jigbru l-flus minghandha u lanqas kienu jsibu *cekk* jew lil *Mulligan*, meta kienu jmorru l-ufficju.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-attrici pprezentat dina l-kawza sabiex tithallas ghax-xoghol taghha bhala presentatrici f'programm, ***'Wara l-Kaz'***.

L-attrici ghamlet zmien tipprezenta il-programm, ghal perjodu bejn Ottubru u Dicembru, pero' minkejja li kienet baghtet '*invoice*', mensilment, is-socjeta' konvenuta baqqghet ma hallsithiex u minkejja diversi tentattivi sabiex tithallas, is-socjeta' konvenuta m'ghamlitx dawn il-pagamenti.

Tul il-proceduri tal-kawza, kien hemm zmien meta l-kontendenti ppruvaw jaslu ghal ftehim, izda dan ma ntlahhaqx. Ciononostante, s-socjeta' konvenuta ma ressqitx provi taghha u ghalhekk m'hemm xejn sabiex jikkontesta dak li qed tallega l-attrici.

Gialadarba, ma jezistu ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, dan it-Tribunal li jinsab soddisfatt mill-provi tal-attrici ser ikollu jghaddi biex jikkonferma t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centenzmu (€3023.53), somma rapprezentanti hlas ta' servizz moghti mill-attrici, lis-socjeta' konvenut meta pprezentat il-programm ***'Wara l-Kaz'*** minn Ottubru, 2008, sa' Dicembru, 2008, hlas ta' hdax-il program bil-prezz miftiehem.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u l-imghaxijiet legali minn Dicembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------